**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 7/2013**

**Illum: 27 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**John Stagno**
**(ID 328685(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat John Stagno ta' 27 sena, imwieled Pieta` fid-19 ta' Gunju 1985, bin John u Rosanna nee` Cassar, residenti 'Stagno', Triq tas-Silg, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita` numru 328685(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Gunju 2012 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

1. Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga *methadone* specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll

5. Kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi, Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta, zamm fid-dar tieghu jew f'post iehor, hadem, biegh jew offra ghall-bejgh jew ikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmija fl-artikolu 6 tal-istess Ordinanza, bi ksur tal-Artikolu 29(1).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur, l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkuzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-

process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu[1], l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-27 ta' Gunju 2012, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Johann J. Fenech, membri mill-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat f'Marasaxlokk. Hemmhekk instabu diversi oggetti relatati mad-droga, kif ukoll materjal suspettat li kien splussiv, tant illi fuq il-post marru wkoll membri tal-Forzi Armati, li elevaw dawn l-oggetti. L-oggetti relatati mad-droga gew elevati mis-*Scene of the Crime Officers*, li gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti, Dr. Edwina Grima ghal dan il-ghan.[2] L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqarrija fit-28 ta' Gunju 2012, wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[3]

Jirrizulta mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 46 Charlot Casha u PC 910 Sean Pace illi mir-residenza in kwistjoni gew elevati s-segwenti oggetti minn PS 46 Charlot Casha ossia 1) Romblu *aluminium foil*, bott abjad kontenenti erba' pilloli u kaxxa sewda b'mera go fiha; 2) Flixkun tal-plastik kontenenti xi likwidu, diversi bicciet tal-plastik u ghatu mgezwrin go *foil* kontenenti xi weraq niexef; 3) Kuccarina mahruqa, bicciet tal-*foil*, pillola roza gol-karta, borza tal-plastik kontenenti xi karti differenti u pakkett tas-sigaretti kontenenti xi *foil*; 4) *Pouch* iswed kontenenti siringa mikxufa, plastic ta' siringa u bicca tubu tal-plastik; 5) Borza u kaxxa tal-plastik kontenenti xi zerriegha; 6) Mizien gol-kaxxa tad-ditta

[1] A fol. 9 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg, a fol. 10 sa 12 tal-process, ix-xhieda ta' PC 1013 Raymond Debono, a fol. 13 u 14 tal-process u x-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell, a fol. 15 u 16 tal-process.
[3] A fol. 81 sa 83 tal-process.

*Salter*, mizien zghir go kaxxa hamra u mizien kbir go kaxxa sewda tad-ditta *Wigam* u 7) Pjanta suspettata illegali gewwa qasrija. Dawn l-oggetti jidhru ffotografati fl-istess relazzjoni.[4] Jidher ukoll fl-istess ritratti l-materjal allegatament splussiv li nstab fl-istess residenza.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu ossia xkora mmarkata bhala S/B/277/2014, li kien fiha: 1) *Evidence bag* bin-numru B00773169 li fih i) romblu *aluminium foil* ii) bott tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem *DHC 60mg* li fih 3 pilloli u bicca pillola u iii) kaxxa sewda li fiha mera; 2) *Evidence bag* bin-numru B00773163 li fih i) flixkun tal-plastik trasparenti li fih xi likwidu ta' lewn ahdar ii) ghatu imgezwer go *aluminium foil* li fih xi weraq niexef u iii) diversi bicciet tal-plastik; 3) *Evidence bag* bin-numru S001165868 li fih i) kuccarina mahruqa ii) pakkett tas-sigaretti li fih *foil* mahruq iii) pillola roza go *blister packet* immarkat *Deanxit Flupentixol 0.5mg, Melitracen 10mg* u iv) borza tal-plastik trasparenti li fiha diversi karti; 4) *Evidence bag* bin-numru B00773162 li fih *pouch* ta' lewn iswed li fih siringa, pakkett tas-siringa vojt u bicca tubu; 5) *Evidence bag* bin-numru B00954346 li fih zerriegha u kaxxa tal-plastik trasparenti li fiha zerriegha; 6) *Evidence bag* bin-numru D00147290 li fih i) kaxxa bil-kliem *Salter* li fih mizien ii) kaxxa ta' hamra li fiha mizien u iii) kaxxa ta' lewn sewda li fiha mizien u 7) *envelope* ta' lewn kannella li fiha pjanta, qasrija li kien fiha hamrija.

Skont l-istess relazzjoni, l-espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Fuq estratti mehuda mill-weraq (u pjanta) ta' lewn ahdar instabet is-sustanza <u>*Tetrhydrocannabinol*</u>. Il-piz total tal-weraq kien ta' <u>0.40 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 2.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Fuq estratt mehud mill-likwidu ta' lewn ahdar instabet is-sustanza <u>*Methadone*</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Fuq *swabs* mehuda minn fuq il-bicciet tal-boroz u minn fuq il-kuccarina nstabet is-sustanza <u>*Eroina*</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

[4] Ara din ir-relazzjoni a fol. 58 et seq tal-process.

d) Fuq *swabs* mehuda minn fuq l-*aluminium foil* ma nstabitx droga ghalkemm dan il-*foil* huwa mahruq u konsistenti mal-uzu tal-eroina (maghruf bhala *Chasing the Dragon*).

e) Fuq *germination test* li sar fuq zerriegha mehuda *at random*, 8 minn 10 kienu germinabbli.[5]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*, bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar dan, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jikkonferma illi fil-kamra tieghu nstabet pjanta tal-*cannabis* u illi beda jkabbarha ghall-habta ta' nofs Mejju. Jikkonferma li kien jiehu hsiebha u jaghtiha tazza ilma xi kultant. Kif inghad, jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, illi l-pjanta elevata mill-kamra tal-imputat kienet tikkontjeni s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess (semplici) tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta car minn dak li appena nghad fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, illi l-imputat kien fil-pussess tal-pjanta *cannabis*. In oltre apparti l-pjanta msemmija, l-imputat instab ukoll fil-pussess ta' weraq niexef li skont ir-relazzjoni tal-espert Sammut, ukoll kien jikkontjeni s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.

Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentment ippruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess (semplici) tad-droga eroina.

Apparti illi fil-pussess tal-imputat instabu oggetti ossia bicciet tal-boroz u kuccarina li fuq *swabs* mehuda minnhom, instabet is-sustanza eroina, kif ukoll bicciet tal-*foil* mahruqa li minkejja li ma nstabet l-ebda sustanza illegali fuqhom,

[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 88 et seq tal-process.

madankollu, huma konsistenti ma' uzu ta' droga eroina, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi sa xahar qabel l-arrest tieghu, huwa kien ghadu jabbuza mill-eroina, ghalkemm fiz-zmien tal-istess arrest, huwa kien qed jiehu l-mistura biss. Jghid ukoll illi kien ilu jabbuza mill-eroina ghall-perjodu ta' madwar sitt snin b'kollox, li wara l-kaz li kellu fis-sena 2008, rega' waqa' fil-vizzju madwar xi sena wara u li kien juza pakkett jew tnejn ta' €10 jew €20 kuljum, billi jahraq l-eroina.

Stante illi l-imputazzjoni odjerna tirreferi mhux biss ghas-27 ta' Gunju 2012, izda wkoll ghat-tnax-il xahar ta' qabel din id-data, ghaldaqstant anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata in kwantu x-xhur ta' qabel is-27 ta' Gunju 2012.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess (semplici) tas-sustanza *Methadone*.

F'dan ir-rigward, jirrizulta car mir-relazzjoni tal-espert Sammut illi fost l-oggetti elevati mir-residenza tal-imputat odjern instab likwidu ta' lewn ahdar li rrizulta pozittiv ghal din is-sustanza. Jirrizulta wkoll illi din is-sustanza nstabet gewwa flixkun fil-kamra tas-sodda tal-imputat.[6]

Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Finalment, permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli zamm gewwa daru jew f'post iehor, hadem, biegh jew offra ghall-bejgh, jew ikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmija fl-Artikolu 6 tal-Kap. 33 u dan bi ksur tal-Artikolu 29 tal-istess Kapitolu.

F'dan ir-rigward, fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, il-Magistrat Inkwirenti hatret lill-Kaptan Jeffrey Curmi, bhala espert tal-esplosivi, sabiex jaghmel analizi tal-esplosivi li nstabu u wara jirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi.[7] Il-Kaptan, illum Brigadier, Curmi baqa' ma pprezentax ir-relazzjoni tieghu fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz u lanqas ma ssejjah bhala xhud espert f'dawn il-proceduri.

F'dawn il-proceduri xehed *Staff Sergeant* 86089 Brian Xuereb, li jghid illi fir-residenza gewwa Marsaxlokk instabu ghaxar beraq tal-pulzier, zewg beraq tat-tliet kwarti, bomba ta' tliet pulzieri, bomba taz-zewg pulzieri, zewg grammi *grey*

---

[6] Ara x-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg, a fol. 11 tal-process u x-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell, a fol. 15 tal-process.
[7] Ara d-digriet tal-Magistrat Inkwirenti, a fol. 26 tal-process.

*powder*, zewg grammi *white powder* u tliet grammi porvli tas-snieter. Dwar il-beraq u l-bombi, huwa jghid illi huwa kien qed jirreferi ghall-kejl taghhom ghaliex huma ma jkunux jaf x'fihom minn gewwa.[8] L-istess xhud rega' xehed f'dawn il-proceduri u pprezenta r-rapport li kien sar minnu fil-jum in kwistjoni u li fih jiddeskrivi dak li kien instab ossia "*10 x 1" petards* [beraq zghir skont ix-xhud], *2 x ¾" petards, 1 x 3" petards, 1 x 2" petards, 2grms grey powder, 2grms white powder and 3grms "porvli tas-senter"*." Jerga' jghid illi huma ma jifthuhomx dak il-hin. Jghid ukoll illi normalment dawn ikunu affarijiet li jintuzaw fil-festa, li *petard* hija klassifikata bhala berqa li minn barra tkun bil-kartun u tappijiet, fil-waqt illi fuq gewwa jkollha l-esplosiv ossia *flash powder*.[9]

Dwar dan, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi l-kaxxa li fiha nstabu dawn l-oggetti kien fiha "*beraq, bombi, uhud minnhom vojta, u xi sufarelli*", li dawn kienu ilhom ghandu xi sentejn u li sabhom fil-festa ta' Haz Zabbar. Jghid illi kien gabarhom bil-hsieb li jahraqhom, izda tefaghhom hemm u ma haraqhomx.

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssostni illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax. Id-difiza tirreferi ghad-definizzjoni moghtija fil-ligi ossia fl-Artikolu 2 tal-Kap. 33 tal-kelma 'esplosiv' u ssostni illi f'dan il-kaz, huwa evidenti illi biex jigi stabbilit l-element materjali tar-reat u cioe` illi l-materjal involut huwa materjal esplosiv, tehtieg il-perizja ta' espert tekniku. Tghid id-difiza illi ghalkemm il-Magistrat Inkwirenti fil-fatt hatret lil (dak iz-zmien) Kaptan Curmi bhala espert tal-esplosiv, dan baqa' ma rrelatax fil-kors tal-inkjesta, sakemm din inghalqet fuq talba tal-Ufficjal Investigatur ossia l-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz, u bdew il-proceduri odjerni. Fil-mori tal-proceduri, l-istess Kaptan Curmi baqa' ma xehedx u ghalhekk baqa' ma pprezentax ir-relazzjoni tieghu. Skont id-difiza, ir-rapport tas-Surgent Xuereb esebit minnu f'dawn il-proceduri jaghti biss deskrizzjoni generika tal-oggetti li nstabu ossia kwantita` numerika u daqs, izda xorta ma jindika xejn ai fini tad-definizzjoni moghtija mil-ligi. In oltre l-Artikolu 29 tal-Kap. 33 li tahtu qed jigi akkuzat l-imputat jirreferi ghall-elenku indikat fl-Artikolu 6 li wkoll jehtieg il-perizja teknika sabiex tigi stabbilita l-ezistenza tal-materjal hemmhekk indikat. In oltre d-difiza ssostni illi l-Bombardier u s-Surgent li taw ix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri m'humiex l-esperti li gew mahtura mill-Magistrat Inwkirenti u kkonfermati bhala esperti minn din il-Qorti f'dawn il-proceduri u ghalhekk kemm il-darba dawn taw l-opinjoni taghhom, din tibqa' biss opinjoni *ex parte* u konsegwentement hija inammissibbli. Tghid ghalhekk id-difiza, illi l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

[8] A fol. 112 sa 116 tal-process.
[9] A fol. 119 sa 123 tal-process. Din is-sejba giet ikkonfermata wkoll mix-xhud il-Bombardier Joseph Mizzi, a fol. 108 sa 111 tal-process.

Jibda biex jinghad illi d-difiza hija korretta in kwantu tghid illi kien l-espert il-Kaptan Jeffrey Curmi illi kien mahtur bhala espert tal-esplosiv f'dan il-kaz u mhux il-Bombardier Joseph Mizzi u s-Surgent Brian Xuereb li xehdu f'dawn il-proceduri. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-24 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renard Cassar**, fejn gie ritenut hekk:

"*… hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (art. 650(1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).*

*Issa f'dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analisi li saret minn David Gauci ... seta' biss jigi kompilat b'hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Konsegwentement, la darba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova ... Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti*".

Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tistrieh fuq opinjoni ta' espert li m'huwiex l-espert mahtur minnha u certament illi l-Bombardier Mizzi u s-Surgent Xuereb m'humiex l-esperti li gew mahtura mill-Magistrat Inkwirenti u sussegwentement ikkonfermati minn din il-Qorti f'dawn il-proceduri. Kwindi sa fejn ix-xhieda tal-istess tmur oltre minn dak illi huma setghu jikkonstataw bis-sensi taghhom u fejn ghalhekk huma wzaw il-hila u s-sengha specjali taghhom biex jghidu f'hiex kienu jikkonsistu l-oggetti in kwistjoni, il-Qorti jehtiegilha necessarjament illi tiskarta din il-parti tax-xhieda taghhom. Fil-fehma tal-Qorti ghajr ghall-kejl jew id-daqs, l-ammont u l-kulur tal-oggetti involuti, li jistghu jigi kkonstatati anke minn xhud ordinarju, mill-bqija, inkluz id-deskrizzjoni tal-oggetti bhala *petards* jew beraq u d-deskrizzjoni ta' materjal partikolari bhala porvli tas-senter huma lkoll

konstatazzjonijiet li jistghu jigu maghmula biss minn espert fil-qasam ossia billi wiehed juza l-hila u s-sengha tieghu sabiex jasal ghal din il-konkluzjoni u ghaldaqstant, tali konstatazzjonijiet m'humiex ammissibbli bhala prova.

Sorvolata din il-kwistjoni, jehtieg illi l-Qorti thares lejn id-disposizzjonijiet tal-ligi li fuqhom giet imsejjsa il-hames imputazzjoni kif addebitata lill-imputat odjern.

L-Artikolu 29(1) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordninanza, izomm fid-dar tieghu jew f'post iehor, ibigh jew joffri ghall-bejgh, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra msemmijin fl-artikolu 6, jehel, meta jinstab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn hmistax-il elf euro (€15,000) u mhux izjed minn hamsin elf ewro (€50,000), jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien.*" [sottolinear tal-Qorti]

L-Artikolu 6(1) tal-istess Kapitolu jipprovdi hekk:

"*Ebda kwantita` ta' dinamite, ta' gun-cotton ta' fulminat tal-merkurju jew fulminati ohra, pikrati, sustanzi li ghandhom bhala bazi principali n-nitroglicerina, jew sustanzi ohra li meta mhalltin ma' ohrajn jew wahedhom jistghu jipproduci effetti bhal dawk tad-dinamite jew ta' wahda mis-sustanzi imsemmija fl-artikolu 2, ma jistghu jigu wzati, mibghuta jew ikkunsinnati mill-fabrikanti jew mid-dettaljaturi hlief lill-awtorita` pubblika, jew lil persuni awtorizzati b'permess iffirmat mill-Kumissarju tal-Pulizija biex jakkwistahom fil-kwantita` msemmija fil-permess*".

L-Artikolu 2 imbaghad jghid hekk:

"*il-kelma "esplosivi" tfisser –*

*porvli tal-isparar, nitroglicerina, dinamite, gun-cotton, porvli ghal mini, fulminat tal-merkurju jew ta' metalli ohra, fjammi ta' Bengala, klurat tal-putassa, klurat tal-barju, u kull sustanza ohra, sew bhal dawk hawn imsemmija jew xort'ohra, uzata jew mahduma sabiex tipproduci rizultat prattiku bil-mezz ta' spluzjoni jew b'effett pirotekniku; u tfisser ukoll sinjali ta' cpar, xoghlijiet tan-nar, micec, murtali tal-ftuh, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skratec, munizzjon ta' kull xorta, u kull addattament jew preparazzjoni ta' esploziv kif imfisser hawn fuq.*" [sottolinear mizjud]

Issa ghalkemm il-Qorti qeghda tiskarta bhala inammissibbli x-xhieda tal-Bombardier Joseph Mizzi u tas-Surgent Brian Xuereb, biss fl-istqarrija tieghu, l-imputat stess jammetti x'kienu l-oggetti misjuba fil-pussess tieghu ossia kif inghad "*beraq, bombi, uhud minnhom vojta, u xi sufarelli*", li dawn sabhom fil-festa ta' Haz Zabbar u illi kien gabarhom bil-hsieb li jahraqhom, izda tefaghhom hemm u ma haraqhomx. Huwa evidenti ghall-Qorti minn din il-parti tal-istqarrija tal-imputat illi l-oggetti misjuba fil-pussess tieghu kif deskritti minnu stess kienu tali illi jipproducu rizultat prattiku bil-mezz ta' spluzjoni jew b'effett pirotekniku, kif trid il-ligi. Anke l-fatt illi l-imputat stess jallacjahom mal-festa ta' Haz Zabbar u jghid illi kien bi hsiebu jahraqhom, ma jhalli l-ebda dubju illi dawn kienu tali li jipproducu l-effett appena msemmi. M'hemmx dubju imbaghad illi dawn l-oggetti nstabu gewwa r-residenza tal-imputat u in oltre bil-fatt illi huwa jghid illi sabhom u hallihom hemm, illi l-istess imputat ma kellu l-ebda licenza sabiex izomm tali esplosiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali tikkonsisti biss f'sejbien ta' htija dwar pussess (semplici) ta' droga eroina li tmur lura ghas-sena 2009.

Tqis ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari in kwantu l-ewwel imputazzjoni, ossia dik dwar il-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*, is-sottomissjonijiet tad-difiza u dan fis-sens illi fil-kaz odjern instabet biss pjanta wahda fil-pussess tal-imputat u li ghalhekk ghandhom japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dan il-punt, il-Qorti tinnota illi PC 1183 Oliver Borg jirreferi ghal din il-pjanta bhala "*pot li fiha kien hemm zewg qsari tal-cannabis*"[10] u PC 1348 ukoll jghid illi nstabu "*zewg pjanti li kienu go pot wahda*"[11]. Din il-qasrija tidher fir-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PC 910 Sean Pace u PS 46 Charlot Casha[12], li fihom tidher qasrija bil-hamrija, b'zewgt izkuk hergin minnha. Fir-relazzjoni tieghu, imbaghad, ix-Xjenzat Godwin Sammut jindika din il-parti tad-dokument bhala "*pjanta, qasrija li*

[10] Ara a fol. 11 tal-process.
[11] A fol. 15 tal-process.
[12] Ara a fol. 72 u 73 tal-process.

*kien fiha hamrija*"[13] u jindika illi l-piz tal-weraq ta' din il-pjanta kien biss ta' 0.1 grammi.

Ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga*".

F'dan il-kaz ghalkemm xi whud mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirreferu ghal zewg pjanti f'qasrija wahda, biss wara li l-Qorti tqis b'mod partikolari r-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, inkluz il-piz tal-weraq ta' din il-pjanta, kif ukoll illi kwalunkwe dubju ghandu dejjem imur favur l-imputat, jidhrilha illi f'dan il-kaz ghandha tqis tali pjanta bhala wahda u in vista tac-cokon taghha u tal-fatt illi ma jirrizultax illi din kienet intiza ghal spacc, sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 appena citat.

Tqis ukoll fir-rigward tal-hames imputazzjoni, illi f'dan il-kaz il-Qorti m'ghandhiex timponi l-piena karcerarja izda minflok il-piena ta' multa fil-minimu taghha. Fir-rigward tal-multa applikabbli fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tal-multa li ser timponi fir-rigward tal-hames imputazzjoni, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll it-Taqsima I, l-Artikoli 2, 6 u 29 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u in kwantu l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qed tqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

---
[13] A fol. 91 tal-process.

In kwantu l-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, qeghda wkoll tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' multa ta' tliet mitt ewro (€300), li ghandha tithallas mill-hati minnufih. In oltre in kwantu l-hames imputazzjoni qeghda tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' multa ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'piena ta' prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul l-Ordni tal-*Probation jew* kemm il-darba jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez involuti fil-hatra tal-esperti fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz u f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€262.96), l-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, hamsa u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€455.28), u l-ispejjez relatati mal-hatra ta' PS 46 Charlo Casha u PC 910 Sean Pace, ammontanti ghas-somma ta' mija u disa' ewro u tmienja u disghin centezmu (€109.98), b'kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta' tmien mija, tmienja u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€828.22). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tnax-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, Dokument CC1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Tordna wkoll il-konfiska tal-esplosiv elevat mill-Forzi tal-Armata fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Brigadier Jeffrey Curmi u lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinhatar Ufficjal tal-*Probation* biex isegwi lill-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat